# M I N U T I

**LAQGĦA STRAORDINARJA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 51**

20 ta' Ġunju 2022

Il-wieħed u ħamsin (51) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2022 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

| | |
|---|---|
| Membri tal-Pubbliku | 0 |

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

| | |
|---|---|
| Malcolm Agius Muscat | Segretarju Eżekuttiv |

## MINUTI

### 51.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

51.1.1. Is-Sindku VB ressaq ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsilliera JP li informat li ma setgħetx tattendi minħabba li tinsab indisposta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Il-Kunsill aċċetta l-ittra t'apoloġija u awguralha fejqan ta' malajr.

### 51.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

51.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tal-ħamsin (50) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

51.2.2. Il-Viċi Sindku AD ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (AD, JAE, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Nota:** **17:15 Il-laqgħa ġiet sospiża sakemm is-Sinjura Sandra Sammut Hili ħadet il-ġurament tal-ħatra tagħha bħala kunsilliera, biex b'hekk imbagħad setgħet tingħaqad mas-Sindku u l-kunsilliera madwar il-mejda tal-Kunsill.**

**17:20 Il-laqgħa tkompliet u l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ingħaqdet mal-mejda. Is-Sindku VB kompla billi feraħ lill-Kunsilliera Sammut Hili għall-ħatra tagħha u awguralha kull suċċess.**

51.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 50.2.3 dwar ħaxix fuq is-sur taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V, Ġnien Sir Luigi Preziosi u Ġnien Vilhena u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq din il-materja. Is-SE qal li kien ikkomunika kemm mal-ELC kif ukoll mas-Soprintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Huwa qal li kienu nformaw lill-Kunsill li x-xogħol irid isir minnhom għax huma kienu responsabbli mis-swar. Minkejja dan, biex isir ix-xogħol, iridu jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha u kienu qed jitolbu li tingħalaq it-triq ta' quddiem il-Waterfront sakemm ikun qed isir ix-xogħol. Is-SE qal li l-għeluq tat-triq kien ser jikkawża problema minħabba l-iskeda tal-cruise liners u għalhekk kien ser ikun hemm bżonn kollaborazzjoni totali bejn l-entitajiet. Il-Kunsill qabel li għandu jibqa' jsegwi l-materja anke biex jassigura li jkun hemm arranġamenti aċċettabbli ta' kif ser isir ix-xogħol.

51.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materji nru 50.2.4 u 50.2.5 u staqsa jekk kienx hemm xi korrispondenza mingħand l-avukat rigward il-kwistjoni tal-Fosos kif ukoll rigward il-fanali ornamentali ta' fuq il-Fosos. Is-SE qal li l-laqgħa mal-MTA kienet għadha ma saritx iżda kien informa lill-Avukat u għandu jagħti lill-Kunsill xi dati ta' meta hu disponibbli. Fir-

rigward tal-laqgħa mal-MTA, is-SE informa li kien ikkomunika magħhom u nformaw lil-Kunsill li għandhom jikkonfermaw ġurnata meta l-Kunsill ikun jista’ jiltaqa’ mas-CEO.

51.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 50.2.7 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-piċċ taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Is-SE qal li kien talab lill-Perit għall-ispeċifikazzjonijiet però sa dakinhar kien għad ma kellux tweġiba.

51.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 50.5.2 u staqsa rigward is-sinjali tas-CCTV quddiem il-bring-in sites li hemm fi Triq St Francis Ravelin. Is-SE informa li għandu jiċċekkja.

51.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 50.5.3 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-pots ta’ maġenb il-Knisja. Is-SE qal li għandu jieħu ħsieb ikellem lill-kuntrattur. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jkellmu fuq il-pjanti kollha li hemm madwar il-lokalità għax dawn jaqgħu kollha taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

51.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 50.5.6 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-funtana tal-Iljun ta’ Triq Sant’Anna.

51.2.8.1. Is-Sindku qal li hu kien tkellem mas-Soprintendenza tal-Patrimonju Kulturali li informawh li x-xogħol kien qed isir mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet. Huwa kompla billi qal li qegħdin jistennew sabiex joħroġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar.

51.2.8.2. Is-SE qal li dawk l-erba’ toqob li hemm kienu minħabba li skoprew li l-pajpijiet tal-ilma kienu taċ-ċomb u għalhekk iridu jinġibdu biex jinbidlu għall-pajpijiet ġodda.

51.2.8.3. Il-Kunsillier JAE staqsa dwar il-possibbiltà li ma tibqax funtana, kif kienet oriġinarjament. Is-Sindku qal li tkun sabiħa kieku tibqa’ funtana.

## 51.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

51.3.1. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand impjegat tal-Awtorità tal-Ippjanar li staqsa dwar il-possibbiltà li jsiru xi bicycle racks qrib iċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Il-Kunsill qabel li għandu jinformah li kien ser jikkunsidra jinstalla xi bicycle racks fid-daħla tal-ġnien stess.

51.3.1.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-Ġnien il-Mall u ġibed l-attenzjoni li jekk se jsiru bicycle racks taħt l-Annex Building, ser jinħoloq preċedent. Il-Kunsill qabel li jekk dawn isiru għandhom jiġu installati f’post ieħor.

51.3.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand artist li talab permess lill-Kunsill sabiex jinstalla monument bejn it-Torri ta’ Wignacourt u l-Malta Scouts Association. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li dan il-monument ma jiġi jiswa’ xejn lill-Kunsill.

51.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand organizzazzjoni li talbet permess torganizza barbeque f'wieħed mil-ġonna tal-lokalità. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jinformahom li minħabba li l-ġonna rikjesti huma f'żona residenzjali, u l-attività tinkludi ċertu ammont ta' nies, ma jistax jingħata permess diment li mhux ser ikun provdut trasport għall-attività. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jirrevedi l-kundizzjonijiet għall-attivitajiet li jsiru fil-ġonna li huma fi ħdan il-Kunsill, inkluż il-possibbiltà li jkun hemm infurzar minn gwardjani lokali.

51.3.4. Is-SE informa lill-Kunsill rigward il-materja tal-vending machines tar-riċiklaġġ tal-fliexken. Huwa qal li bid-dimensjonijiet li l-kumpanija kienet tat lill-Kunsill, il-vending machines kienu ser jokkupaw żgur żewġ spazji ta' parkeġġ. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jipprova jsib alternattivi ta' fejn dawn il-vending machines jistgħu jitpoġġew sabiex ikollhom l-inqas impatt fuq ir-residenti u fl-istess ħin ikunu aċċessibbli għal min ikun irid jużahom.

51.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Fergħa Armar ta' Barra, li nforma li l-ark kien kważi lest u talbu gwida dwar kif għandhom jipproċedu biex dan jerġa' jiġi installat u liem entitajiet għandhom ikellmu dwar dan. Is-Sindku VB qal li l-ewwel li għandu jiġi ikkonsultat kien il-Kunsill ġaladarba t-triq kienet tiegħu. Is-SE qal li min-naħa tiegħu, kien informah li l-Perit tagħhom għandu jikkonkludi r-rapporti tiegħu u mbagħad jiltaqgħu mal-Kunsill sabiex jiddiskutu s-suġġerimenti tagħhom.

51.3.6. Is-Sindku VB ressaq korrispondenza mingħand il-Gazzetta il-Furjana u offra lill-Kunsill sabiex jirreklama fil-pubblikazzjoni li jmiss, total ta' €186. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel u qabel li għandu jikkomunika miegħu is-SE sabiex jinħoloq l-avviż li ser jiġi ppublikat f'din l-edizzjoni.

51.3.7. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-kuntrattur tal gabbana taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V li offra lill-Kunsill sabiex flimkien jagħmlu fustun mad-dawra. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**Nota: 18:21 Is-Sindku VB u l-Kunsilliera SSH informaw li kien ser ikollhom iħallu l-laqgħa dalwaqt, minħabba impenji oħra. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jiddiskuti l-materja 51.7 qabel ma jipposponi l-laqgħa.**

## 51.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

51.7.1 Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 38/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

51.7.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (AD, JAE, VB)
Kontra: 0

Astensjonijiet: 1 (SSH)

51.7.3 Il-Kunsilliera SSH informat li kienet qed tastjeni minħabba li ma kienitx preżenti għall-aħħar laqgħa tal-Kunsill minħabba li ma kienitx għadha tifforma parti mill-Kunsill.

51.7.4 Is-Sindku VB ressaq ir-rapport tal-petty cash għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

51.7.5 Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet tal-petty cash, bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (AD, JAE, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (SSH)

51.7.6 Il-Kunsilliera SSH informat li kienet qed tastjeni minħabba r-raġunijiet imsemmija qabel.

**Nota: 18:25 Minħabba li s-Sindku VB u l-Kunsilliera SSH kellhom jitilqu, il-laqgħa ma setgħetx tkompli minħabba li kien ser ikun hemm nuqqas ta' kworum. Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li jgħaddi għall-materja nru 51 sabiex jaġġorna l-laqgħa.**

## 51.16 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

51.16.1.1 Il-laqgħa intemmet fis-18:30 u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 30 ta' Ġunju 2022 fis-2.00pm.

**Konfermati, illum it-Tlieta 26 ta' Lulju 2022**

| | |
|---|---|
| (iffirmati) | (iffirmati) |
| Vincent Borg | Malcolm Agius Muscat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |